31.12.2021

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 553**

**It-Tlieta 30 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**553.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

553.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna ikun skużat.

**553.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

553.2.1 Il-minuti tal-552 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**553.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

553.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-proġetti tal-Wasteserv tal-*Urban Greening* li ser isiru fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li qiegħda fi Triq is-Santwarju, fi Triq Ġużeppi Pace u fi Triq Santa Duminka kienu ser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku qal illi l-proġett tal-*Urban Greening* fi Triq il-Marloċċ ma kienx ser isir.

553.3.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-proġett li ser isir fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar kienx ser jaffettwa l-armar u l-briju li jkun hemm matul il-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sindku qal illi d-disinji u l-pjanti ta' kif ser isir il-proġett fl-ex venda kienu ġew approvati matul il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ikkonsulta mal-Għaqdiet Lokali dwar il-qisien u l-armar tal-festa qabel ma ġew finalizzati l-pjanti.

553.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet fit-toroq li kienu qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq ix-Xgħajra u nforma lill-Kunsill li l-iktar parti problematika kienet ġiet mogħtija t-tarmak, kienu saru spazji ġodda ta' parkeġġ minflok l-art mitluqa li kien hemm fil-kantuniera ta' Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kappuċċini, u li *ż-zebra crossing* faċċata tal-ispiżerija ma kinitx ser issir minħabba li kien hemm diversi servizzi għaddejjin minn taħt l-art. Is-Sindku żied jgħid li fil-preżent kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra minn Triq Wied il-Għajn sa Misraħ is-Sliem u l-ħruġ tal-vetturi minn Misraħ is-Sliem kien qed jiġi devjat minn Triq Bajada għal Triq Spadaro għal Triq Villabate jew minn Triq Santa Marija għal Triq Salvu Astarita għal Triq Villabate. Id-dħul għal Misraħ is-Sliem seta' jsir minn Triq il-Kbira jew minn Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienux ser isiru *culverts* tal-ilma tax-xita sabiex tittaffa l-problema ta' għargħar li hemm fi Triq ix-Xgħajra, fil-parti bejn Triq Wied il-Għajn u Misraħ San Ġakbu. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u spjega li l-ilma tax-xita li jkun ġej għal Misraħ San Ġakbu kien ser jinġabar fil-ġiebja qabel ma jasal fi Triq ix-Xgħajra u għalhekk il-problema tal-għargħar kienet ser tittaffa. Is-Sindku żied jgħid li l-ilma tax-xita li jkun ġej minn Triq ix-Xgħajra kien ser jinġabar fil-*culverts* li hemm fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx ser jingħata t-tarmak fi Triq ix-Xgħajra, Sqaq Nru 1. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

553.3.4 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinux ser isiru *culverts* tal-ilma tax-xita fi Triq Santa Duminka għal Triq il-Qalb Imqaddsa minħabba li kien jgħaddi ħafna ilma minn din it-triq. Is-Sindku qal illi bħalissa kien għaddej xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq fi Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża u Triq Felice. Saru *culverts* ġodda u ġew mqabbda mal-proġett tal-*water flood relief* biex tiġi ndirizzata l-problema ta' għargħar tal-ilma tax-xita. Is-Sindku spjega li x-xogħol infrastrutturali fi Triq il-Qalb Imqaddsa kien għadu ma nbediex u qal li fi Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq il-Qalb Imqaddsa diġa kien hemm *culverts* tal-ilma tax-xita. Barra minn hekk il-*culverts* tal-ilma tax-xita kienu ser jiġu estiżi sal-ħanut tax-xagħar li qiegħed fil-kantuniera u anke għal Triq Santa Duminka. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għaddej b'diskussjonijiet mal-entitajiet konċernati sabiex jingħata t-tarmak fi Triq il-Kappuċċini.

553.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku spjega li x-xogħol kien ser jinqasam f'żewġ fażijiet u li matul l-ewwel fażi kien ser isir xogħol ta' manutenzjoni fil-partijiet fejn sfrundat it-triq.

553.3.6 Dwar it-*traffic island* li saret fit-tarf ta' Triq Bieb is-Sultan, is-Sindku spjega li din kienet saret bħala parti minn *junction* ġdida li ser tiġi ffurmata wara li jitlesta t-tkabbir fin-*network* tal-proġett tan-*new water* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi dan il-proġett ma kienx tkompla sabiex ma jingħalqux aktar toroq minħabba li bħalissa kienu qed isiru diversi proġetti f'daqqa fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet l-importanza li jsiru r-*reflectors* fuq it-*traffic island* sabiex jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa.

553.3.7 Is-Sindku qal illi kien inbeda xogħol ta' *resurfacing* fi Triq San Leonardu fil-viċinanzi taċ-ċimiterju tal-Ingliżi u fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li kienet irċiviet minn resident li joqgħod fi Triq il-Farfett tal-Fejġel dwar problema tal-ilma tax-xita minħabba li kien qed jidħollu fil-garaxx.

553.3.8 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li kien qed isir fi Triq Bajada u nforma lill-Kunsill illi minn Misraħ is-Sliem sa Triq il-Vittorja kien ingħata wiċċ ġdid. Is-Sindku żied jgħid li matul il-ġimgħat li ġejjin mistenni jitkompla x-xogħol minn Triq il-Vittorja sa Triq tal-Labour.

553.3.9 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti *update* dwar is-sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni fis-*soft area* fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994 (ZLC 1/2021R). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien informa lill-operaturi bid-deċiżjoni tiegħu u ma kienx hemm oġġezzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-operatur li ġie magħżul kien għadu ma ssottomettiex il-*performance bond* u għaldaqstant il-kuntratt kien għadu ma ġiex iffirmat.

553.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kuntrattur responsabbli mit-tiżjin tal-Milied fit-toroq kien lesta x-xogħol tad-disinni dekorattivi li kellhom isiru ġodda. Din is-sena d-dekorazzjonijiet ser tkun ibbażata ħafna aktar fuq attrazzjonijiet tad-dawl,

ġew inklużi aktar toroq u li fit-8 ta' Diċembru, ser issir il-mixegħla tat-toroq. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien intalab is-servizz ta' kuntrattur privat sabiex jarma t-toroq minflok il-Grupp tal-Armar tal-Festa. Dan peress illi l-Grupp tal-Armar tal-Festa ma kienx qed jiffunzjona. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li d-dawl dekorattiv li kien hemm fil-viċinanzi tal-Monument ta' Agatha Barbara kien tqaċċat. Is-Sinjura Calleja qalet li l-istess tiżjin kien qed jitqaċċat aktar minn darba. Is-Sindku qal illi t-tiżjin kien intlaqat minn *cherry picker*.

553.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-espressjoni ta' Interess SPI/SCI/6/2021 – Finanzjament Milied 2021 ma kinitx ġiet approvata mid-Dipartiment għall-Istrateġija u Implimentazzjoni u għaldaqstant ma kinux ser isiru l-attivitajiet imsemmija fl-applikazzjoni.

553.3.12 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar talba sabiex jittella' kunċert vokali u strumentali bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert vokali u strumentali bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża tkun ta' €1,500.

553.3.13 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert vokali u strumentali bil-kollaborazzjoni mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża tkun ta' €1,500.

553.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar il-ġirja *Zabbar 5K & 3K Fun Run*. Peress illi l-attività li kienet proposta li ssir matul is-sena 2020 ġiet ikkanċellata minħabba l-imxija tal-COVID 19, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex din l-attività tiġi organizzata nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru, 2021. Is-Sindku qal illi matul is-sena 2020 il-Kunsill approva n-nefqa ta' €3,000 għal din l-attività u kienu nxtraw il-flokkijiet għall-prezz ta' €1,750. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament li jorganizza z-*Zabbar 5K & 3K Fun Run* bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża tkun €1,250.

553.3.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li bil-kollaborazzjoni ma' St Patrick FC jiġi ppubblikat kalendarju għas-sena 2022 liema spiża tammonta għal €1,500 VAT inkluż.

553.3.16 Is-Sindku tkellem dwar it-talba li l-Kunsill irċieva mingħand Zabbar Scout Group sabiex tiġi organizzata *Clean up* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet fejn kien ser isir it-tindif. Is-Sindku qal illi t-tindif kien ser isir fi Triq il-Kaħwiela, in-naħa ta' Triq iċ-Ċimiterju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li nhar is-Sibt 4 ta' Diċembru, 2021 tiġi organizzata *Clean up* bil-kollaborazzjoni ma' Zabbar

Scout Group. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li għal din l-attività kienu ser jinxtraw ingwanti, *pickers*, boroż tal-iskart, ilma u frott għal parteċipanti.

553.3.17 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru, 2021 tiġi organizzata ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill.

553.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-21 ta' Diċembru, 2021 kienet ser tiġi organizzata l-attività Merħba lill-Istaġuni u fl-istess ġurnata kienet ser tiġi inawgurata s-sala u l-librerija. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-Onorevoli Helena Dalli sabiex tinawgura il-ftuħ. Is-Sindku qal illi għal din l-attività l-Kunsill kien ser iħallas l-ispejjeż tal-kor u tal-arpista, l-istampar tal-programmi u l-ispejjeż marbuta mal-bibita. Is-Sindku qal illi minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-COVID 19, il-lista tal-mistiednin kienet ser tkun limitata.

553.3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ispiża tal-mixgħela li saret f'Novembru fl-okkażjoni tax-xahar tal-mejtin, kienet tammonta għal madwar €80.

553.3.20 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu ser jinxtraw *diaries* u *biros* bil-*logo* tal-Kunsill għas-sena 2022.

553.3.21 Is-Sindku tkellem dwar it-*Tribunal Pending Payments* li hemm dovuti lill-Kunsill u dwar il-korrispondenza li ġiet mibgħuta mil-LESA bħala risposta għall-kontravvenzjonijiet li ġew ikkanċellati. Is-Sindku qal li s-CEO tal-LESA nforma lill-Kunsill li ċ-ċitazzjonijiet ġew ikkanċellati partikolarment f'żewġ każijiet. Skont Kapitlu 291, f'każ li jmut il-ħati, il-kontravvenzjonjiet jiġu rtirati immedjatament peress illi d-dejn ċivili ma jgħaddix fuq l-eredi tal-persuna li tkun ordnata tħallas xi penali. Fit-tieni istanza, minħabba li kien hemm kwistjoni ta' reati kontinwi. Is-Sindku qal illi dwar it-*Tribunal Pending Payments* kien ser imexxi permezz tar-Reġjun Xlokk.

553.3.22 Is-Sindku rrefera għall-punt 3.7 fl-ittra ta' direzzjoni tal-Awdituri tal-Gvern għas-sena 2020 fejn il-Kunsill ġie mitlub jiddeċiedi jekk l-ammont ta' €100,000 kienux ser jiġu rkuprati mill-*Planning Funds.* Is-Sindku spjega li dawn il-fondi kienu relatati mal-proġett ta' 'Ġnien il-Kunsill' li kien sar fis-sena 2017 mil-leġislatura ta' qabel. Minħabba li l-proġett ma kienx sar konformi mal-proposta oriġinali, il-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li ma jissottomettix talba għall-ħlas minħabba li dawn il-fondi setgħu ma baqgħux eleġibbli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unaimament li ma jirkuprax il-fondi u l-ammont ta' €100,000 jiġi rtirat mill-pagamenti dovuti fil-kotba tal-Kunsill.

553.3.23 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport fis-6 ta' Diċembru, 2021 lill-parteċipanti ta' Għaqal id-Dar - Ħajja Aħjar, liema spiża ser tammonta għal €70.

553.3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*performance report* tal-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* għas-sena 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-massimu tal-*performance bonus*.

553.3.25 Is-Sindku qal illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi diskuss l-estimi annwali. Is-Sindku żied jgħid li din il-laqgħa trid issir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru. Għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika minħabba l-pandemija tal-COVID 19, is-Sindku ssuġġerixxa li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz ta' *Zoom* u tiġi trasmessa fuq il-paġna uffiċċjali ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fl-15 ta' Diċembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

553.3.26 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kienx ser jingħabar l-iskart fis-26 ta' Diċembru. Is-Sindku qal illi qabel ma tittieħed deċiżjoni, il-Kunsill irid jiċċekkja jekk il-faċilitajiet tal-*WasteServ* kienux ser ikunu miftuħa fis-26 ta' Diċembru, 2021.

553.3.27 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri preżenti sabiex jippreżentaw ir-rapport għas-sena 2020 dwar il-ħidma tagħhom fil-qasam li għalih huma responsabbli.

**553.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

553.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto kumitat.

**553.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

553.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex fl-iskeda ta' pagamenti jiġi nkluż il-pagament dovut għall-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-*Community Works Scheme*. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-29 t'Ottubru 2021 u t-30 ta' Novembru 2021 li kienet tammonta għal €53,880.43, kif ukoll il-pagament dovut tal-*performance bonus*.

**553.6 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

553.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet bagħatet tinforma lill-kandidata 'A' sabiex tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill iżda din il-kandidata ma bagħatet l-ebda risposta u l-ingaġġ baqa' sarx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kompla bil-proċess u talab lil *Jobs Plus* jibgħat il-lista tal-kandidati li qed jirreġistraw *part 3* iżda l-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Barra minn hekk inħarġet sejħa fil-gazzetti lokali u għal darb' oħra

l-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li s-sejħa deheret ukoll fuq il-midja soċjali u mistennija tagħlaq fil-jiem li ġejjin.

553.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-amministrazzjoni diġa kienet qed taħdem b'nuqqas ta' *staff* u barra minn hekk, fil-futur viċin, waħda mill-impjegati kienet ser toħroġ bil-*maternity leave* ukoll. Minħabba li l-Kunsill kien qed isib diffikulta biex jingaġġa uffiċjal eżekuttiv (skala 13), is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex titqabbad *recruitment agency.* Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jqabbad *recruitment agency* sabiex jiġi ingaġġat uffiċjal eżekuttiv (skala 13).

553.6.3 Dwar l-ingaġġ tal-uffiċjal *steward,* is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-permess ta' *Jobs Plus.*

**553.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Servizz ta' *Accountant*

553.7.1 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa ta' *accountant and accountant technician.*

**553.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

553.8.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura GCG661 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €157.60 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

553.8.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura MSZ278 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €215.28 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [2]

553.8.3 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €60 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [3]

553.8.4 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura YAR108 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €74

mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [4]

**553.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

553.9.1 Il-Viċi Sindku resqet ilment li kienet irċeviet minn residenti li joqgħodu fi Triq il-Ġnien minħabba li ma kienx hemm dawl fit-triq. Is-Sindku qal illi minħabba l-maltemp kien hemm diversi żoni li ma kellhomx dawl fit-triq. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi kien hemm l-istess problema fi Triq Villabate. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-problema fid-dawl fi Triq Villabate ilha għaddejja snin.

553.9.2 Il-Viċi Sindku reġgħet talbet li jeħel l-injam taħt il-bankijiet li kienu saru ġodda fi Triq is-Santwarju minħabba li l-anzjani kienu qed isibu diffikultà biex iqumu minn fuq il-bank.

553.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq talba li kien irċieva mingħand persuni li jiffrekwentaw il-Park ta' San Klement sabiex teħel *gazebo* fil-park. Is-Sindku qal illi kien ser jgħaddi din it-talba lil *Parks Malta.*

553.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tinstab soluzzjoni sabiex tittaffa l-problema ta' għargħar fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku qal illi l-problema tal-għargħar kienet ser tittaffa meta jitlesta l-proġett tal-ġbir tal-ilma tax-xita fi Misraħ San Ġakbu. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser isir *resurfacing* fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

553.9.5 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jitnaddaf il-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Kbira maġenb il-Każin tal-Partit Laburista. Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin dan il-*culvert* tal-ilma tax-xita kien ser jitnaddaf u nforma lill-membri preżenti li kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Kbira mill-Gvern Ċentrali.

553.9.6 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li kienet irċeviet minn uħud mill-parteċipanti li jattendu l-kors Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar minħabba li r-*roadshow truck* tal-*Wasteserv* ma kienx tahom il-*voucher* wara li użaw is-servizz.

553.9.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka kinitx ser tiġi pedonali. Is-Sindku qal illi għad iridu jsiru diskussjonijiet dwar dan.

553.9.8 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien qed isir abbuż ta' rimi ta' skart goff madwar il-*bring in sites* fi Triq Villabate. Is-Sindku qal illi kien ser jiddiskuti ma' *Green MT* dwar il-possibiltà li jitwaħħlu *CCTV cameras* madwar il-*bring in sites.* Is-Sinjura Anna Calleja talbet lis-Sindku sabiex jitlob lil *Green MT* jipprovdi konsenja boroż tar-reċiklaġġ sabiex jitqassmu lir-residenti.

553.9.9 Is-Sur Joseph Agius qal illi bil-maltemp kien inqala' globu fi Triq is-Santwarju.

553.9.10 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva dwar ġemellaġġ fi Franza. Is-Sindku qal illi kien ser ikellmu dwar dan.

553.9.11 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-10 ta' Diċembru 2021 kien ser jorganizza *talk* bil-kollaborazzjoni tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità fis-Sala r-Ragħaj it-Tajjeb dwar is-servizzi għall-anzjani u fis-16 ta' Diċembru 2021 kien ser jorganizza *lunch* tal-Milied għall-anzjani.

**553.10 Mozzjonijiet**

553.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**553.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

553.11.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 30 ta' Diċembru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

553.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.25 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-555 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Diċembru, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku